# Il-Ħames Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Nagħmel patt ġdid, u l-ħtijiet ma niftakarhomx iżjed.*

Ġer 31, 31-34

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

[31]Araw, għad jiġi żmien,
oraklu tal-Mulej,
meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda;
[32]mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom
fiż-żmien meta qbadthom minn idejhom
biex ħriġthom mill-art tal-Eġittu, il-patt tiegħi li huma kisru,
għalkemm jien kont l-għarus tagħhom,
oraklu tal-Mulej.

[33]Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma' dar Iżrael
wara dawk il-jiem,
oraklu tal-Mulej.
Inqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u niktibha f'qalbhom;
u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.
[34]Ma jgħallmux iżjed lil xulxin,
u ħadd ma jgħid lil ħuh: «Agħraf il-Mulej»,
għaliex ilkoll kemm huma jkunu jafuni, miż-żgħir sal-kbir,
oraklu tal-Mulej.
Għax jien naħfrilhom ħżunithom,
u ħtijiethom ma niftakarhomx aktar.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 3-4.12-13.14-15

R/. (12a): Oħloq fija qalb safja, o Alla

3 Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
4 Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

12 Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
13 La twarrabnix minn quddiemek,
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

14 Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
15 Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin jerġgħu lura lejk. R/.

# Qari II

***Kristu sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.***

Lhud 5, 7-9

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

7 Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen
għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ
minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. 8 Għad li kien Iben, tgħallem
minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. 9 U, billi laħaq il-perfezzjoni,
sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 12, 26

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja;
u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

## Evanġelju

*Jekk il-ħabba tal-qamħ, li taqa' fl-art, tmut hi tagħmel ħafna frott.*

Ġw 12, 20-33

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann**

F'dak iż-żmien, [20]fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien
hemm xi Griegi. [21]Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda
tal-Galilija, u talbuh: «Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù.»

[22]Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu
lil Ġesù. [23]U Ġesù weġibhom: «Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem
ikun igglorifikat. [24]Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ
ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel
ħafna frott. [25]Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu
f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem. [26]Jekk xi ħadd irid
jaqdini, hu għandu jimxi warajja, u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun
il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ. [27]Issa qiegħed
inħoss ruħi mħawda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din
is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. [28]Missier, agħti
glorja lil ismek.»

Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: «Jien diġà gglorifikajtu, u nerġa'
nigglorifikah.»

[29]In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed iriegħed.
Oħrajn qalu: «Kellmu xi anġlu.» [30]Ġesù wieġeb: «Dan il-leħen ma ġiex
għalija, imma għalikom. [31]Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa.
Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja. [32]U meta nintrefa' 'l fuq
mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja».

[33]Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu